# MAGISTRAT DR. DOREEN CLARKE LL.D.

**F'l-atti tar-rikors guramentat ta'Marion Pace Axiaq (ID Numru 3135654M), Robert Aquilina (ID Numru 313178M), Samira Davies (ID Numru 50997A), Simon Sansone (ID Numru 33276M) u Emanuel Delia (ID Numru 560176M) f'isimhom propju u f'isem l-ghaqda tas-socjeta civili maghrufa b'l-isem Repubblika li tisab fil-process ta' registrazzjoni bhala ghaqda volontarja, skont il-Ligi ipprezentat fit-8 ta' Marzu 2019**

**Illum 29 ta' April 2019**

Rat ir-rikors ta'l-Onorevoli Dr Konrad Mizzi prezentat fis-16 ta' April 2019 permezz ta' liema talab lill-Magistrat sottofirmat *tordna is-soprasessjoni tal-proceduri pendenti quddiemha naxxenti minn rikorsi intavolati mill-Onorevoli Simon Busuttil u ohrajn nhar bit-8 ta' Marzu 2019 biex issir inkjesta dwar l-in genere, u dan pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali f'l-ismijiet Onoerevoli Konrad Mizzi vs Avukat Generali.*

Rat id-degriet taghha ta' dak in-nhar stess permezz ta' liema ordnat in-notifika lill-Marion Pace Axiaq u r-rikorrenti l-ohra bi zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Marion Pace Axiaq u r-rikorrenti l-ohra prezentata nhar it-22 ta' April 2019 permezz ta' liema, ghar-ragunijiet hemm premessi opponew din it-talba.

Ikkunsidrat

Illi t-talba ghas-soprasessjoni giet intavolata f'l-atti ta' rikors prezentat ai termini ta'l-artikolu 546(4A) tal-Kodici Kriminali u li permezz tieghu ntalbet it-tnedhija ta' inkjesta dwar l-*in genere*.

Illi fir-rikors odjern l-Onorevoli Dr Konrad Mizzi, indikat bhala wiehed mill-persuni suspettati fir-rikors promotur, jghid li pprezenta kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghaliex jallega li l-artikolu 546(4A) tal-Kodici Kriminali fuq imsemmi jilledi d-drittijiet fundamentali

tieghu, u li konsegwentement il-Magistrat sottofirmat ghandha tistenna l-ezitu ta' dawk il-proceduri kostituzzjonali qabel ma tiddeciedi r-rikors promotur.

Ikkunsidrat

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza *Lawrence Cuschieri et vs l-Onorevoli Prim Ministru*[1] il-Qorti Kostituzzjonali, wara li ghamlet distinzjoni bejn l-eccezzjoni ta' *litis pendentia* min-naha u *l-fakolta*[2] *li xi organu gudikanti jieqaf mill-mansjonijiet tieghu* sa kemm tigi deciza kawza ohra, qalet hekk dwar l-istitut tas-soprasessjoni f'proceduri penali:

> *Is-soprasessjoni bhala istitut, vera u propju, giet espressament introdotta f'l-ordinament taghna bis-sahha tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 46 (tal-Kostituzzjoni) li jista' jerga jigi kwotat hawn:*
>
> *"Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."*
>
> *Dan kollu jimplika necessarjament soprasessjoni, meta jirrikorru c-cirkostanzi mesmmija fis-subartikolu, u billi mid-decizjoni tal-Prim' Awla hemm id-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali ... allura s-soprasessjoni ddum sakemm ikun hemm sentenza ta' din il-Qorti.*
>
> *Pero sabiex proceduri ordinarji ma jigux indebitament intralcjati u l-funzjonament taghha paralizzat, fi kliem is-sentenza kkwotata Spiteri vs Sghendo, is-subartikolu (5) ta'l-artikolu 45 jiddisponi illi m'hemmx dritt ta' appell jekk kemm il-darba l-Qorti li quddiemha tigi sollevata kwistjoni kostituzzjonali tiddeciedi li dak it-tqanqil ikun sempliciment frivolu jew vessatorju.*

[1] Deciza fit-12.08.1994.
[2] Kif distint minn obbligu.

*Għalhekk din is-soprasessjoni tavvera ruħha biss meta (a) quddiem xi Qorti -- barra l-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali -- tigi sollevata kwistjoni kostituzzjonali u (b) dik il-kwistjoni ma tkunx fil-fehma ta' dik il-Qorti la frivola u/jew vessatorja. U f'dawk ic-cirkostanzi biss hija obbligata s-soprasessjoni.*

*Issa fil-kaz prezenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) intalbet is-soprasessjoni imma ma gietx issollevata kwistjoni kostituzzjonali u ghalhekk dik il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tezamina l-kwistjoni biex tghid jekk dik il-kwistjoni hiex frivola jew vessatorja u jekk le, kellha tirriferiha lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. F'din l-ahhar ipotesi mbaghad kien ikollha l-obbligu li tissoprassjedi -- imma mhux altrimenti.*

Illi f'sentenza aktar ricenti mghotija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza[3] f'l-ismijiet Republika ta' Malta vs Martin Dimech[4] dik il-Qorti, fil-waqt li rribadiet il-principji emergenti fis-sentenza hawn fuq kwotata, issintetizzat l-principji prevalenti dwar is-soprasessjoni hekk:

*Illi xieraq jingħad li huwa aċċettat li s-soprasessjoni tas-smigħ ta' kawża tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir. Madankollu, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa (art 195(1) Kap 12), trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir (Mifsud noe vs Abela et App Civ 28.10.1935). Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (Cuschieri vs Onor Prim Ministru et PA Kost 12.08.1994), li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens (Mifsud vs Onor Prim Ministru et Kost 20.07.1994 u Partit Nazzjonalista vs Kummissjoni Eletorali et PA Kost 21.07.2015) u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.*

*Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik (German et vs Scicluna et App. Ċiv. 23.06.1869; Buġeja vs Żammit P.A. 23.1.1946; u Dr. Leslie Grech noe vs Dr.*

[3] Referenza kostituzzjonali.
[4] Deciza fil-15.12.2016 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27.02.2017.

*Emanuel Buttigieg et noe App Kumm 26.3.1984). Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju (Malla vs Bezzina et App Civ 22.05.1989). Huwa provvediment li jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata' (Cardona vs Pisani App Civ 04.11.1957). Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala wieħed "alejatorju" (Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe PA 23.05.1997) li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smiegħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf (Azzopardi et vs Critien pro et noe PA 12.04.1962).*

*Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien (Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et 25.03.2013). ...... Prinċipju li ntlaqa' mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward hu li dik il-Qorti ma tindaħalx fit-twettiq minn xi Qorti oħra dwar jekk għandhiex tilqa' jew tiċħad talba għal soprasessjoni, sakemm tali Qorti "tkun imxiet b'mod irregolari jew ħadet deċiżjoni manifestament żbaljata" (Portelli vs Onor Prim Ministru et, Kost 17.11.1993).*

*Illi din il-Qorti tagħraf bejn dawk il-provvedimenti ordinatorji li tagħti kull Qorti li jolqtu l-qalba tal-proċediment u dawk li jkunu maħsuba biex irażżnu xi tentattiv ta' xi waħda mill-partijiet biex il-każ jittawwal bla bżonn jew jintilef f'dettal mhux ewlieni jew siewi għas-soluzzjoni tal-każ. Jidher li l-istħarriġ dwar ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq huwa iżjed rigoruż f'tal-ewwel milli f'tat-tieni, għaliex sakemm id-deċiżjoni taċ-ċaħda fl-ewwel każ ma tintweriex li hija waħda għal kollox irraġonevoli jew arbitrarja, deċiżjoni bħal dik taqa' fl-ambitu tal-funzjoni deliberativa ta' dik il-qorti u għalhekk qajla tissarraf fi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq (Wierzrbicki vs Poland QEDB 18.06.2002).*

Illi dwar l-effetti negattivi tas-soprasessjoni, u cioe l-istultifikar ta' proceduri penali, huwa ben stabbilit li talba ghal soprasessjoni m'ghandhiex tintlaqa' jekk mhux f'cirkostanzi eccezzjonali. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Catherine Farrugia il-Qorti ta'l-Appell Kriminali[5] qalet li: -

[5] Deciza fil-31.01.1959.

*Ghalkemm jista jkun xieraq u gust li gudikant f'sedi penali jistenna l-pronuncjament tal-Qorti Civili, ir-regola hija li s-soprasessjoni tal-proceduri kriminali ma' ghandhiex tigi koncessa facilment u leggerment ghaliex l-ordni pubbliku jezigi li jkun ristabbilit, bit-tmien ta' dawn il-proceduri u bit-tmien sollecietu.*

Illi anke il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza fuq kwotata Lawrence Cuschieri vs L-Onorevoli Prim Ministru, esprimiet il-fehma taghha fuq id-dewmien li ggib is-soprasessjoni:

*Huwa car li dik il-minaccja li avvertiet is-sentenza tal-Qorti ta'l-Appell Sptieri vs Sghendo jigifieri li s-soprasessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta'l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghda tavvera ruhha. Fi fatti llum, b'l-access li nfetah ghall-proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li nholqu bil-Konvenzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta' din il-Qorti, in kwantu huma passibbli ta'ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi ezekuttiva taghhom jekk din il-Qorti ... jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawk l-organi.*

*Is-soprasessjoni fuq il-linji msemmija fis-sentenza appellata tispicca biex tigi ekwivalenti ghal fonti ta' ingustizzja profonda ghaliex effettivament tissospendi l-implimentazzjoni u l-attwazzjoni tal-gustizzja fi zmien ragonevoli.*

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Mario Camilleri[6], ikkonfermat dan il-hsieb; dik il-Qorti qalet hekk:

*Kif gie deciz minn din il-Qorti in re Il-Pulizija vs Joseph Micallef Stafrace "sabiex ikun hemm lok ghal soprasessjoni jehtieg li l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali investitata bil-kwistjoni principali ma jkollhiex elementi bastevoli biex taqta' l-eccezzjoni li ghar-rigward taghha tkun qieghda tintalab is-soprasessjoni jew li dik il-Qorti tkun fil-guridika impossibilita li tiddeciedi il-kwistjoni principali qabel ma tigi deciza minn tribunal iehor.*

Illi minn din il-gurisprudenza huwa car li, ad eccezzjoni ta' dawk il-kazijiet fejn issir referenza kostituzzjonali, ir-regola generali ghandha tkun il-prosegwiment

[6] Deciza fil-31.07.1987.

ininterrot tal-proceduri gudizzjarji sa kemm jinqatghu definittivament, u li s-soprasessjoni ghandha tkun l-eccezzjoni meta s-smiegh f'l-istess waqt taz-zewg proceduri ma jkunx jista' jsir.

Ikkunsidrat

Illi l-proceduri odjerni mhumiex proceduri penali fil-konfront ta' xi persuna imputata; imma huma proceduri, pjuttost eccezzjonali, fejn qed issir talba biex tinbeda inkjesta dwar l-*in genere* li l-iskop principali taghha huwa l-preservazzjoni ta' provi. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li inkjesta ghandha tinzamm immedjatament malli jkun hemm susspett li twettaq reat u jkun hemm provi x'jigu preservati u jekk jissussistu r-rekwizieti l-ohra elenkati f'l-artikolu 546 tal-Kodici Kriminali. Il-preservazzjoni tal-provi ma tippermettiex dilungar u jkun perikoluz ferm li dan il-process, il-preservazzjoni f'waqtha tal-provi, jitwaqqaf jew adirittura lanqas jithalla jinbeda.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li l-inkjesta dwar l-*in genere* mhiex intiza biex jigu preservati dawk il-provi li jistghu jintuzaw bhala prova kontra xi hadd f'eventwali proceduri penali. L-inkjesta dwar l-*in genere* hija process li ghandu jiskatta, maghmula rapport, denunzja jew kwerela, ghar-ricerka tal-verita permezz tal-kostatazzjoni tal-fatti relattivi u l-preservazzjoni tal-provi kollha u li b'xi mod jistghu jkunu relevanti. Dawn jinkludu anke dawk il-provi li jistghu jintuzaw favur persuna inizjalment suspettata u dawk il-provi li jista addirittura jiskolpaw lil dik il-persuna jew li jistghu xxejnu s-suspetti.[7]

Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata u peress illi s-soprasessjoni mitluba tista' ggib pregudizzju irrimedjabbli,

It-talba qed tigi michuda.

Kopja ta' dan id-degriet ghandu jigi notifikat lill-partijiet.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[7] Dan anke tenut kont tal-fatt li f'eventwali proceduri penali, jekk ikun indikat li jigu istiwiti proceduri fil-konfront ta' xi persuna, il-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq il-provi kollha, sia dawk favur u sia dawk kontra.